MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 265/2000/1

**Atlas Insurance Agency Limited, in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, gia' Guardian Royal Exchange Assurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Leslie Galea u l-istess Leslie Galea**
**u b'nota tat-13 ta' Mejju 2004 is-socjeta Atlas Insurance**
**Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta'**
**estera AXA Insurance plc gia' Guardian Royal Exchange**
**Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Leslie Galea assumiet l-atti.**

**Vs**

**Alexandra sive' Sandra Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici nomine et talbu sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici nomine et is-somma komplessiva ta’ erba’ mija hamsa u hamsin lira wiehed u sebghin centezmu (Lm455.71c) – in kwantu ghal erba’ mija u disa’ liri wiehed u sebghin centezmu (Lm409.71c) lil Atlas Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal sitta u erbghin lira (Lm46) lil Leslie Galea – in linea ta’ danni mill-konvenut kagunati u minnhom sborsati bhala konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li gara Rabat fis-26 ta’Lulju 1999 meta waqt li l-konvenut kien qed iregga’ lura vettura Nru CAB 116 habat mal-vettura Nru JAE 904, propjeta’ tal-attur Leslie Galea – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ Frar 2000, u dawk tal-ittra ufficjali presentanta ma l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali mill-20 ta’ Frar 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 6 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi l-incident tat-traffiku li sehh fis-26 ta’ Lulju 1999 fir-Rabat waqt li hija kienet qed isuq il-vettura Skoda numru CAB 116 ma garax tort u htija taghha, izda gara unikament tort u htija tal-attur Leslie Galea li waqt li kien qed isuq il-vettura numru JAE 904 regga lura bir-risultat li habat fil-vettura tal-eccipjenti.
2. Illi stante li dan l-incident ma’ garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma’ huwa dovut lill-atturi in linea ta’ danni, liema danni kif mitlub fl-avviz huma f’kwalunkwe kaz ezagerati ghal kollox u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salve eccezzjonijiet ohra u b’riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-eccipjenti kontra l-attur Leslie Galea ghad-danni minnha sofferti f’dan l-incident.

Rat l–atti kollha tal-kawza inkluza n-nota a fol 54.

Ikkunsidrat

Illi PS 364 Joseph Mangion (fol 11 et seq ibid) esebixxa l-iskizz u r-rapport relattivi ghal dan l-incident, liema dokumenti kienu saru minnu a basi ta’ notamenti ta’ pulizija iehor li kien mar fuq il-post tal-incident. Mill-imsemmi iskizz (fol 18 tal-atti) jidher li dan l-incident kien gara fi Triq Gheriexem, fir-Rabat u kien jinvolvi zewg vetturi misjuqa mill-attur u mill-konvenuta waqt li dawn kienu qed jigu parkeggati fil-genb tal-istess Triq. Mill-imsemmi rapport, jidher li l-konvenuta kienet stqarret ‘…. Li hi kienet qed tirriversja u ma ratux u laqtitlu l-‘mudguard’ lemin quddiem kif ukoll il-‘bumper’ quddiem lemin’ waqt li l-attur kien ‘… qal li hu kien jirriversja biex jipparkja’ u xejn aktar (ara fol 16 ibid).

Illi l-attur meta xehed (fol 29 u fol 30 ibid) specifika illi hu kien qed jipparkega b’lura il-vettura misjuqa minnu fuq il-lemin tieghu u bejn zewg karrozzi ohra, b’wahda minn dawn tkun dik uzata mill-konvenuta. Waqt li kien qed jesegwixxi l-istess manuvra, pero’ il-konvenuta “….. irriversjat ghal fuqi’. Dwar l-istess manuvra l-attur specifika illi qabel ma beda’ jesegwiha hu kien waqaf ma genb dik uzata mill-istess konvenuta u dan sabiex jipparkegga tieghu b’lura. Inoltre meta grat il-habta in esami l-attur sema’ li l-‘mudguard’ tieghu fuq quddiem u fuq in-naha tal-lemin “… kien wasal esattament mal-mudguard’ taghha ta’ wara tax-xellug’.

Illi l-konvenuta meta xehdet (fol 34 u fol 50 et seq ibid) wara li semmiet illi, waqt li kienet qed tipparkegga l-vettura taghha b’lura u kienet rat l-vettura misjuqa mill-attur qed tinsaq kontra s-sinjal tat-traffiku, fattur li jidher li hu irrilevanti ghall-kaz in esami, hi kompliet biex tghid li habtet mal-istess vettura misjuqa mill-attur meta hi kienet qed issuq b’lura. Hi, dwar l-istess manuvra, semmiet li waqt li kienet qed tesegwiha, ma kienetx qed thares warajha izda “… mal-genb biex nidhol mal-bankina” permezz tal-mera laterali fuq in-naha tal-lemin. Hawnhekk il-konvenuta semmiet fattur li fil-fehma tal-Qorti hi l-kawza unika ta’ dan l-incident. Difatti, il-konvenuta

qalet, testwalment, "Meta grat il-habta, jiena kont ghad-dritt pero l-karozza l-ohra kienet angolata mal-genb tax-xellug tieghu' u ' Jiena, fil-fatt, fil-'parking' kont diga dhalt u ddecidejt li mmur naqra lura sabiex nipparkja l-karozza tieghi ahjar. Jiena ma tajtx kaz jekk il-karrozza l-ohra …… kienetx fuq il-genb tieghi tax-xellug".

Illi, minn dik li ghadu kemm inghad, tidher x'kienet il-kawza ta' dan l-incident. Difatti, l-konvenuta 'ex admissis' indikat illi meta kienet di gja ipparkeggat il-vettura taghha ghad-dritt, hi hasset li kellha terga' issuq, xi ftit lura, ghar-raguni hawn fuq indikata, u waqt li kienet qed taghmel dan, hi haset, biss, mill-mera laterali taghha tal-lemin u ghalhekk injorat ghal kollox dak li kien qed jigri warajha u mal-genb tax-xellug taghha. Jidher ukoll, li mill-prospettiva tal-attur, kellu raguni sabiex jahseb illi l-karozza uzata mill-konvenuta kienet di gja parkeggata u, b'hekk, kien gustifikat sabiex jipparkegga warajha. F'dan ir-rigward, ghandu jinghad li kien jkun prudenti, da parti tal-konvenuta sabiex, meta ddeciediet illi tindjetregga ghal distanza zghira, l-vettura taghha li thares mhux biss mill-mera laterali izda anke f'dik interna oltre li thares lura billi ddawwar rasha.

Illi ghalhekk, il-konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghal dan l-incident minhabba sewqan traskurat da parti taghha waqt li kienet qed tesegwixxi l-manuvra, kif hawn fuq deskritta.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-'quantum' pretiz bhala danni, ma jidhirx li kien hemm kontestazzjoni (ara fol 78 u fol 19 sa fol 23 oltre x-xhieda ta' Stephen Conti a fol 13 tal-istess atti).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:
1. tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta.
2. tillikwida komplessivament fl-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm455.71c u;

3. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm409.71,0 u lill-attur, Leslie Galea s-somma ta' Lm46.00,0 bl-imghax legali mill-20 ta' Frar 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-20 ta' Frar 2000 u tas-6 ta' Marzu 2000, imsemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------